KULLEĠĠ SAN BENEDITTU
Skola Sekondarja, Ħal Kirkop

EŻAMI TA' NOFS IS-SENA – 2015/2016
SKEMA TA' MARKI

IT-TIELET SENA	Studji Soċjali Option	Ħin: siegħa u nofs

A. Wieġeb il-mistoqsijiet KOLLHA li ġejjin billi timmarka l-frażi t-tajba.

1b	2a	3c	4a	5b	
6c	7b	8a	9b	10c	**10 marki**

B. Aqra din is-silta u wieġeb il-mistoqsijiet:

Hawnhekk ser issib it-tweġiba t-tajba għal kull mistoqsija. Pero' jista' jkun li t-tweġibiet ivarjaw min-naħa tal-istudenti. Il-marki jingħataw għal kull tweġiba li tagħmel sens.

1. Grupp soċjali hu grupp ta' nies li jkollhom relazzjonijiet bejniethom u jkollhom xi skop x'jaqdu, eżempju: familja, klassi, futbol. (2,3)

2. Peer Group hu grupp ta' ħbieb tal-istess eta' u l-istess interessi, eżempju, grupp ta' ħbieb.

(2,1)

Pressure Group hu grupp li jagħmel pressjoni fuq il-Gvern jew fuq is-soċjeta' biex iġib bidla soċjali, eż. Trade union. (2,1)

3. Grupp tal-familja, grupp ta' ħbieb, grupp tal-futbol.

Fil-familja għandi l-irwol ta' iben; Mal-ħbieb għandi irwol ta' ħabib; Fil-futbol għandi irwol ta' player. (3,3)

4. Konformita' hi meta membru fil-grupp jaqbel u jimxi mar-regoli u man-normi tal-grupp. (2)

b. Meta membru ma jikkonformax mal-grupp, jinqala' ġlied u jista' anke jitkeċċa. (2)

5. Isaħħaħ il-grupp b'opinjonijiet differenti u varji biex imbagħad ir-riżultat finali jkun isbaħ u aktar interessanti. (2)

b. Issolvi konflitt fi grupp billi tisma' l-opininjonijiet tal-oħrajn, tifimhom u anke ċċedi biex darba tagħmel li tixtieq inti u darboħra tagħmel li jixtiequ huma. (2)

25 marka

C. Aqra din is-silta u wieġeb il-mistoqsijiet:

Hawnhekk ser issib it-tweġiba t-tajba għal kull mistoqsija. Pero' jista' jkun li t-tweġibiet ivarjaw min-naħa tal-istudenti. Il-marki jingħataw għal kull tweġiba li tagħmel sens.

1. Kull persuna hi unika għax kulħadd differenti u kulħadd bl-identita' tiegħu. (2)

2. Kull persuna trid tgħix f'komunita' għax għandha bżonn tibni relazzjonijiet soċjali mal-oħrajn u anke taħdem fi gruppi mal-oħrajn għax persuna ma tistax tgħix waħedha. (2)

3. It-tfal, il-ġenituri u l-anzjani. It-tfal jgħinu fl-iżvilupp ta' sens komunitarju billi jmorru l-iskola, jistudjaw u jaħdmu għal karriera tagħhom. Il-ġenituri jridu jrabbu lil uliedhom b'mod tajjeb biex jippreparawhom għal ċittadini tajbin fis-soċjeta'. L-anzjani għandhom l-irwol li jagħtu l-aħjar opinjonijiet lil uliedhom u jgħaddulhom l-esperjenzi tagħhom. (2,2,2)

4. Tagħmel ħbieb ġodda, titgħallem u tkabbar il-ħiliet tagħha. (3)

5. It-teknoloġija, l-edukazzjoni u s-servizzi tas-saħħa. (3)

6. Tgħin lill-oħrajn, tieħu ħsieb l-ambjent u turi sens ċiviku. (1)

7. Dmirijiet ta' ċittadin globali huma li tieħu ħsieb l-ambjent u tgħin lil min għandu bżonn. (2)

   Drittijiet ta' ċittadin globali huma li tiġi rispettat u tgawdi minn arja nadifa. (2)

8. Sanzjoni hi premju biex jippremja imġieba tajba jew kastig biex jikkastiga l-ħażin. (2)

b. Is-sanzjonijiet iġibu l-kontroll soċjali għax billi tagħti l-premji jew il-kastigi tkun qed tħeġġeġ lin-nies biex ikomplu jagħmlu t-tajjeb jew jieqfu jagħmlu l-ħażin. (2)

25 marka

D. Wieġeb dawn il-mistoqsijiet kollha fit-tul:

Hawnhekk ser issib it-tweġiba t-tajba għal kull mistoqsija. Pero' jista' jkun li t-tweġibiet ivarjaw min-naħa tal-istudenti. Il-marki jingħataw għal kull tweġiba li tagħmel sens.

1. Soċjalizzazzjoni primarja hi t-tagħlim li nieħdu mit-twelid sa tliet snin fejn nibdew nitgħallmu t-tagħlim bażiku bħal nimxu, nitkellmu u soċjalizzazzjoni sekondarja hu t-tagħlim li nieħdu minn tliet snin bħal mewt bħal nkomplu nitgħallmu n-normi u l-valuri.

(4)

2. Fil-proċess tas-soċjalizzazzjoni, it-tfal jitgħallmu l-irwoli tal-ġeneru billi l-ġenituri jgħaddu messaġġi dwar kif is-subien u l-bniet għandhom iġibu ruħhom, x'tip ta' logħob jilagħbu x'ġugarelli jilagħbu bihom u anke l-mod kif juru l-emozzjonijiet tagħhom, eżempju li tifel ma tantx hu aċċettat li jibki. (4)

3. Devjanza hi meta persuna tkun qed tmur kontra n-normi u r-regoli tas-soċjeta' iżda ma tkunx qed tikser il-liġi, eż. Tilbes x-shorts għal tieġ u tiżbogħ xagħarha aħdar. (2,2)

4. Indipendenti li tkun kapaċi tieħu ħsieb lilek nnifsek u taqdef għal rasek filwaqt li interdipendenti hi li fis-soċjeta' kulħadd jiddependi mill-oħrajn u ħadd ma jista' jgħix waħdu. (2,2)

5. Meta tiltaqa' ma' persuna u jkollok il-kuntatt uman (1)

b. regoli li ma nsibuhomx miktuba iżda nitgħallmuhom bil-proċess tas-soċjalizzazzjoni (1)

c. prinċipji li juruna t-tajjeb mill-ħażin, eżempju rispett (1)

d. dawk l-għaqdiet li nsibu fir-raħal, eżempju każini tal-banda (1)

20 marka

E. Agħżel WIEĦED mit-temi li ġejjin u ikteb komponiment dwaru f'madwar 200-250 kelma.

Il-marki jingħataw lil kull idea li tagħmel sens skont it-titlu tal-komponiment.

L-20 marka għandhom jitqassmu hekk:

17 - 20	Tajba ħafna
13 - 16	Tajba
10 - 12	Mhux ħażin
0 - 9	Mhux tajjeb

20 marka